MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 641/2012

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Charles Frendo ezercenti n-negozju bhala Moods**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-13 ta' Settembru, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf tlett mija tnejn u erbghin euro u erbghin ċenteżmi ta' euro [€1,342.40c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta attriċi l-ammont ta' €1392.40 (elf, tlett mija u tnejn u disghin euro u erbghin ċenteżmu) dovuti kwantu ghal €1,266.40 bhala prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata, kwantu ghal €126 bhala interessi.

Illi l-intimat interpellat biex ihallas baqa inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta attriċi qeghda titlob li l-konvenut jiġi kkundannat ihallas l-ammont komplessiv ta' €1,342.40c (elf, tlett mija u tnejn u erbghin euro u erbghin centessimi), dovuti kwantu ghal €1266.40c bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata, kwantu ghal €126 bhala interessi.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-3 ta' Ottubru, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenut.

Il-hanut moods kien gestit mis-socjeta Flexiline Limited.

Bl-ispejjez kontra l-attur".

Ra l-verbal datat 9 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €1,342.40c u dan inkwantu ghal €1266.40c bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata u in kwantu ghar-rimanenti €126 bhala interessi. Issa fir-rejalta, jekk dawn l-ahhar żewġ figuri jinghadu flimkien l-ammont rejalment dovut jiġi ta' €1392.40c. Peress li t-Tribunal ma jistax minn rajh jirranġa dan l-izball ġaladarba sar fit-talba, u l-ebda korrezzjoni ma ntalbet, huwa sejjer jimxi fuq l-ammont mitlub ta' €1,342.40c u mhux fuq l-ammont ta' €1,392.40. L-intimat

da parti tieghu sahaq li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-intimat kif ukoll li l-hanut bl-isem ta' Moods kien gestit mis-socjeta Flexiline Limited.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2013 **xehed Luciano Martinelli**. Huwa qal li jahdem fl-*accounts section* tas-socjeta rikorrenti. Beda biex qal li "*... n-negozju ta' bejn is-socjeta minni rappreżentata u l-intimat kien isir mal-istess intimat u mad-ditta 'Moods'*" (fol. 23). Zied ighid li l-fatturi dejjem hargu fuq id-ditta Moods. Esebixxa ukoll xi korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjeta minnu rappreżentata u l-intimat. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dok. MH17 (fol. 46) u qal li "*f'dan id-dokument hemm ukoll isem l-intimat Charles Frendo. Imkien ma hemm indikat isem tal-kumpanija msemmija fir-risposta tal-intimat u cioe Flexi Line Limited*" (fol. 23). Qal li "*ahna qatt ma nghatajna xi ndikazzjoni li qatt kien hemm xi isem ta' kumpanija u fiz-zmien illi kienu saru t-transazzjonijiet l-intimat qatt ma gibdilna l-attenzjoni sabiex inbidlu ahna b'xi mod l-invoices ta' kif kienu qeghdin johorgu u fuq isem min kienu qeghdin johorgu u dan bejn il-perjodu elfejn u tmienja (2008) sa l-elfejn u tmienja (2008)*" (fol. 23). In kontro-ezami fuq dan il-punt, ix-xhud reggha ikkonferma li "*... ahna qatt ma ġejna nfurmati biex indawru l-account min fuq Moods ghal fuq isem tal-kumpanija*" (fol. 24). Ghar-rigward tal-VAT number u jekk dan ġiex ivverifikat mis-socjeta rikorrenti, fis-sens li minn kien issejjah, ix-xhud qal li ma huwiex fl-interess taghhom li joqghodu jivverifikaw lil min issejjah dan il-VAT number u li "*... qatt hadd ma attiralna l-attenzjoni sabiex inehhu dak in-numru tal-VAT jew inkella sabiex inbidluh*" (fol. 24).

In-negozju ta' l-intimat kien tal-kcejjen u s-socjeta minnu rappreżentata kienet tissupplih bl-*appliances*. Huwa ikkonferma li l-"*ammont li ghandu jaghti l-intimat lis-socjeta rikorrenti huwa ta' elf tlett mija tnejn u disghin ewro u erbghin ċenteżmu ta' ewro (€1,392.40)*" (fol. 23).

Mistoqsi in kontro-ezami "*... jekk il-fatt li Charles Frendo kien qieghed jindirizza lili nnifsu bhala company director lili setghetx gibditli l-attenzjoni ghal fatt li kien hemm xi kumpanija*" (fol. 24) ix-xhud qal li "*il-fatt illi Charles Frendo kien jikteb taht ismu Company Director lili ma allarmatnix*" u żied ighid li "*... l-isem ta' Flexi Line Limited qatt ma kien taht l-isem company director*" (fol. 24). Ix-xhud ghadda biex esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dok. MH21 (fol. 26) "*li juri proprju dan Charles Frendo company director Moods li t-Tribunal qieghed jimmarka go kaxxa*" (fol. 24). Qal illi huwa ma taghx kaz fejn ikun hemm miktub Charles Frendo Flexi Line Limited. Qal li "*... jiena ghalija kont qieghed inbiegh lill-Charles Frendo personalment u lill-Moods*" (fol. 24). Mistoqsi jekk kienx jaf minn ghand minn kien jiġi l-pagament ghall-affarijiet li kienu jinxtraw, ix-xhud qal li huwa ma kienx jaghti kas minghand minn kien jiġi l-pagament. Huwa kien jakkredita l-kont ta' l-intimat bil-hlas li jkun sar.

3. Xehed ukoll **Sandro Martinelli** li huwa *marketing* u *sales executive* tas-socjeta rikorrenti. Huwa qal li l-ewwel darba li sar jaf bil-hanut Moods kien meta kien cempillu David Cordina, li huwa jafu bhala David tal-Moods. Dan Cordina kien infurmah li kien ser ikollhom bżonn xi prodotti milli tbiegh is-socjeta rikorrenti biex jaghmluhom mal-prodotti tal-ghamara li jbieghu huma u cioe kċejjen. Ix-xhud qal li kien lest li jasal f'arrangament maghhom u fil-fatt kien infetah kont. Qal li "*il-kont ahna nifthuh fuq id-dettalji li ttina persuna li nkunu sejrin nahdmu maghha*" (fol. 51). L-isem ta' Charles frendo inghata lilhom, ikompli jghid ix-xhud inghata lilhom min dan David Cordina. Qal li l-ircevuti tas-socjeta rikorrenti johorgu skont kif ikun intestat il-kont. Ix-xhud esebixxa ukoll sensiela ta' dokumenti li skond hu juru li l-isem huwa Moods u ma hemm xejn x'jindika li din hija xi kumpanija. Qal li l-isem Flexi Line Limited qatt ma sema' bih u li meta kien jinnegozja mal-addetti tal-Moods "*... lili qatt ma semmewli Flexi Line Limited*" (fol. 52).

Mistoqsi in kontro-ezami minn kien tah id-dettalji li hemm a fol. 56 (dok. SM 2) u cioe "*Moods, Triq it-Torri, Msida,*

*attention Mr Charles frendo CILS 150711 VAT Registration number MT17519537*” huwa qal li dawn inghataw lilu minn David Cordina meta huwa fetah il-kont relattiv. Huwa qal ukoll li ma ivverifikax lil minn issejjah proprjament in-numru tal-VAT moghti lilu minn Cordina u ma kellhux ghalfejn jaghmel l-ebda verifika.

Mistoqsi jekk l-isem Flexi Line Limited li hemm fuq id-dokument immarkat bhala dok. SM 1 (fol. 55) gibidlux l-attenzjoni tieghu ghal fatt li setgha kien hemm soċjetà involuta wara dan il-kont, huwa qal li “*... jiena ma tajtx kas u dan peress illi jiena nirċievi e-mails minn diversi postijiet*” (fol. 52). Qal ukoll li qatt hadd ma gibidlu l-attenzjoni sabiex ibiddel isem l-account taghhom. Zied ighid li “*Lanqas meta konna nibghatu l-ircevuti ma qatt hadd gibdilna l-attenzjoni sabiex minn Moods naghmluhom ghall-Flexi Line Limited. Ghalija kienet tkun haġa faċli li nbiddel id-dettal però kif diġà ghidt hadd qatt ma talabni u allura ma saritx*” (fol. 52).

4. Fis-seduta tal-11 ta’ April, 2013 **xehed l-intimat Charles Frendo**. Beda biex qal li kien impjegat tas-socjeta Flexi Line Limited. Xoghol l-imsemmija soċjetà “*kien illi nimportaw l-ghamara u nbieghawha go showroom li kellna*” (fol. 70). Din is-showroom kien jisimha “Moods Furniture”. Kompla jghid li huwa qatt ma iffirma l-ebda *delivery order* mas-socjeta rikorrenti. Zied ighid li “*in-negozju mas-socjeta rikorrenti kien isir minn impjegat iehor tal-kumpanija li kien jismu David Cordina*” (fol. 70). L-intimat qal li “*jiena qatt ma ghamilt negozju mas-socjeta rikorrenti, dan qed nghid ghalija personalment però jiena bhala impjegat tas-socjeta Flexi Line Limited ġieli baghat xi emails lis-socjeta rikorrenti*” (fol. 70). Meta gie mistoqsi jekk kienx hemm isem il-kumpanija indikata fuq l-*emails* li kien jibghat, ix-xhud qal li “*... iva sa fejn naf jiena kien ikun hemm indikat l-isem tal-kumpanija u l-isem tas-showroom* ” (fol. 70). Huwa qal li x-xoghol li kien jaghmel kien jaghmlu tramite l-kumpanija Flexi Line Limited u li huwa qatt ma ghamel negozju dirett mas-socjeta rikorrenti. Anke l-emails li kien jibghat, dejjem kien hemm indikazzjoni tas-socjeta Flexi Line Limited (ara f’dan is-sens fol. 44 tal-process). Biex ikompli jsostni l-posizzjoni

tieghu, l-intimat qal li anke l-pagamenti kienu jsiru mis-socjeta Flexi Line Limited u huwa kien jiffirma dawn iċ-ċekkijiet. Ix-xhud esebixxa ukoll xi ċekkijiet biex jikkonferma dan il-punt. Mistoqsi jekk is-socjeta Flexi Line Limited ghandhiex taghti flus lis-socjeta rikorrenti, ix-xhud qal li "*nimmaġina li iva*" (fol. 70).

In kontro-ezami, x-xhud qal li huwa kien wiehed mid-diretturi u l-azzjonisti tas-socjeta Flexi Line Limited. Cahad li l-isem Moods Furniture kien *trade name*. Dan kien l-isem tax-*showroom.* L-intimat cahad li teżisti d-ditta Moods Furniture. Qabel però li *s-showroom* kien jismu Moods Furniture u l-kumpanija li kienet tiehu hsieb in-negozju kienet Flexi Line Limited. Huwa qal li s-socjeta Flexi Line Limited ghandha problemi finanzjarji u hu ilu li rriżenja minnha madwar sentejn. Fil-fatt hemm proċeduri ta' stralc ghar-rigward ta' din il-kumpanija. Is-sehem tieghu f'din il-kumpanija kien ta' terz, filwaqt li r-rimanenti żewġ terzi ta' l-ishma kienu jsehhu lil Adrian Stivala u lil Peter Cutajar. Qal ukoll li huma kienu ngaġġaw lil David Cordina li kien jiehu hsieb jaghmel it-transazzjonijiet li kienu jinkludu n-negozju li kien qieghed isir mas-socjeta rikorrenti. Madwar sena wara li kien infetah is-showroom Moods, huwa gie mpjegat mas-socjeta Flexi Line Limited bhala Managing Director. Bhala mpjegati, jkompli jghid l-intimat kien hemm hu u David Cordina. Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa qattx ghamel xi ordnijiet mas-socjeta rikorrenti, l-intimat qal li le u li dawn l-ordnijiet kien jiehu hsieb jaghmilhom l-imsemmi David Cordina. Huwa kien jiehu hsieb l-accounts.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa qattx ġibed l-attenzjoni tas-socjeta rikorrenti ghall-fatt "*... per eżempju l-ircevuta li hemm a fol. 57 tal-process u 56 tal-process kienet hazina u dan fis-sens li kienet intestata lil Moods attention Mr Charles Frendo nghid illi le jiena qatt ma gbidtilha l-attenzjoni lis-socjeta rikorrenti*" (fol. 72).

Mistoqsi mit-Tribunal jekk l-awditur tal-kumpanija kienx qatt gibidlu l-attenzjoni li l-ricevuti, invoices u statements kienu qeghdin johorgu hazin, l-intimat wieġeb fin-negattiv.

In ri-ezami, l-intimat qal li s-showroom Moods Furniture kien mikri lis-socjeta Flexi Line Limited. Mistoqsi jekk huwa qattx indika lilu nnifsu bhala “Charles Frendo on behalf of Flexi Line Limited” l-intimat wieġeb fin-negattiv. Zied ighid però li “*... l-isem Flexi Line Limited dejjem kien però taht ismi*” (fol. 72).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Is-socjeta rikorrenti qeghda tghid li hija bl-ebda mod ma kienet taf li kienet qeghda tikkontratta mas-socjeta Flexiline Limited u li dejjem irrikonoxxiet lill-intimat bhala l-persuna li kienet qeghda taghmel in-negozju mieghu. L-intimat da parti tieghu jghid li s-socjeta rikorrenti naqset f’dan ir-rigward l-ghaliex messha indunat li hi kienet qeghda tikkontratta ma soċjetà b’responsabbilita limitata u dan kien evidenzjat mill-*emails*, mill-*VAT number* u c-*cheques* li bihom kienu qeghdin jithallsu l-kontijiet mas-socjeta rikorrenti.

6. Fuq dan il-punt insibu s-segwenti deċiżjonijiet moghtija mill-Qrati taghna:

i. **Charles O’Flaherty noe vs Joseph Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta’ Gunju 1987 per Imh. J.D. Camilleri:

“*Illi f’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirriżultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta attriċi li l-hlas ma kellux isir minnu iżda minn soċjetà kummercjali*”

ii. **Charles Mizzi et noe vs Teddie sive Edward Bor**g deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta’ Mejju, 1990:

“*La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamiliex f’ismu personalment iżda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli*

*personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel*"

iii. **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April, 1992 per Imh. J.D. Camilleri:

"*Illi hija haġa mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratt f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun raġonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni ... Il-Qorti ssaqsi: Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta attriċi (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-scjeta attriċi biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex żeffen fin-nofs lis-socjeta tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?*"

iv. Joseph Stellini noe vs Emmanuel Cassar deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' April, 1993:

"*... din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur ... seta ta' lok ghal xi dubju ma' min qieghed jinnegozja l-attur; u dan l-element fil-kummerc huwa intimament konness ma' l-isem tal-kontraent*"

v. **Edmond Barbara vs Victor Vella** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Gunju, 1993 per Imh. J.D. Camilleri:

"*Huwa prinċipju stabbilit illi, fin-nuqqas ta' provi ċari li juru l-kuntrarju, minn jikkontratta jitqies li kkontratta f'ismu stess: il-mandat ma jistax jiġi preżunt; anzi fin-nuqqas ta' provi ċari l-mandat ghandu jiġi eskluż*" u "*Ghalhekk min ma jkunx qieghed jikkontratta f'ismu iżda f'isem haddiehor ghandu l-obbligu li juri dan lill-parti l-ohra u jghid ukoll f'isem min qieghed jidher*".

vi. **Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono noe** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu, 2002 inghad li:

"*Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn soċjetà b'responsabilita limitata, u ghaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut Michael Debono] li jġib il-prova li s-socjeta attriċi kienet ġiet mgharrfa li n-negozju kien qieghed jiġi gestit minn soċjetà kummerċjali, skond hu s-socjeta [M.A. Spermarkets Limited]*"

7. Applikati dawn il-principji legali hawn fuq esposti ghall-provi prodotti f'dan il-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat naqas li jindika f'liema kwalità kien qieghed jikkomunika mas-socjeta rikorrenti. Tant l-intimat ma riedx juri lis-socjeta rikorrenti li huwa kien qieghed jikkontratta ghan-nom tas-socjeta Flexiline Limited li qatt ma kiteb li huwa kien qieghed jikkontratta ghan-nom taghha. L-istess jinghad ghar-ricevuti li kienet tibghat is-socjeta rikorrenti lill-intimat. Huwa qatt ma lmenta maghha li dawn l-ircevuti kienu hziena u mhux kif suppost. Dan fis-sens li jekk verament dawn l-ircevuti li kienet tibghat is-socjeta rikorrenti lil intimat kienu sejrin jintużaw mis-socjeta Flexiline Limited, allura dawn kellhom jinhargu fuq isimha u mhux fuq l-isem Moods attention Charles Frendo. It-Tribunal jara li dak li kien qieghed jsir bejn il-partijiet kien qieghed jaghti x'jifhem lis-socjeta rikorrenti li hija kienet qeghda tikkontratt ma Charles Frendo tal-Moods u mhux mas-socjeta Flexiline Limited. Meta l-intimat ra hekk, messu ġibed l-attenzjoni tas-socjeta rikorrenti li l-isem u d-denominazzjoni kienet hazina u li din kellha tiġi taqra Flexiline Limited. Minn dan kollu però ma kien hemm xejn.

Ma kienx mistenni mis-socjeta rikorrenti li hija toqghod tara lil minn kien issejjah il-VAT number. Qatt ma nghatat x’tifhem li dan il-VAT number kien ta’ xi hadd iehor ghajr dak ta’ l-intimat. Ma jistax issa l-intimat jahdrab mir-responsabbilitajiet tieghu billi jghid li l-oggetti li kienu qeghdin jinxtraw minghand is-socjeta rikorrenti kienu ghas-socjeta Flexiline Limited. L-intimat jghid li s-socjeta rikorrenti messha ndunat li kien hemm kumpanija involuta peress li f’xi *emails* li intbaghatu u li gew esebiti fl-atti ta’ dan il-process, kien hemm indikazzjoni tas-socjeta Flexiline Limited u anke l-pagamenti li saru, dawn saru mill-imsemmija soċjetà. It-Tribunal ma jaqbilx ma dan l-argument. L-ewwel nett pagament jista jsir min kulhadd. Ghalhekk, is-socjeta rikorrenti ma kienitx mistennija li toqghod tara minn hallasha u jekk l-isem tal-persuna li hallsietha jaqbilx ma’ l-isem li kien hemm fuq ir-ricevuta. L-istess haġa ghar-rigward ta’ l-indikazzjoni fuq l-*emails*. Imbilli kien hemm isem is-socjeta Flexiline Limited fuq uhud mill-*emails* li baghtet lis-socjeta rikorrenti, ma kienx mistenni mis-socjeta rikorrenti li toqghod tistaqsi lill-intimat x’kien jirrappreżenta l-isem tas-socjeta hemm indikata. L-obbligu huwa fuq l-intimat li jindika ghal minn kien qieghed jikkontratta u hadd iżjed. Kien il-kompitu ta’ l-intimat li jindika lis-socjeta rikorrenti b’mod car u tond dan il-fatt u jindikalha l-persuna ġuridika li ghan-nom taghha kien qieghed jaġixxi. Di piu, l-*accounts* tas-socjeta Flexiline Limited kien jiehu hsiebhom l-intimat u hu ukoll kien il-Managing Director taghha. Allura kien hu li messu induna li s-socjeta rikorrenti ma kienetx taf bl-ezistenza tas-socjeta Flexiline Limited, u kien hu li kellhu jghidilha li huwa jew David Cordina kien qieghed jikkontratta ghan—om ta' Flexiline Limited u mhux ihalli dawn il-proceduri jinbdew u imbaghad jipprova jahrab mir-responsabbilitajiet tieghu. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjoni tal-intimat li huwa ma kellhu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-socjeta rikorrenti.

8. Illi ghar-rigward ta’ l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, dan qatt ma gie kkontestat u t-tribunal huwa sodisfatt li dan huwa rejalment dovut.

9. Kif diġà nghad, it-tribunal sejjer jimxi fuq l-ammont ta' €1,342.40c li jinsab fit-talba u mhux fuq l-ammont ta' €1,392.40.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u jiddikjara li l-istess intimat ghandu jwieġeb ghat-talba tas-socjeta rikorrenti. Konsegwentement qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf tlett mija tnejn u erbghin euro u erbghin ċenteżmi ta' euro [€1,342.40c] flimkien ma l-imghaxijiet fuq l-istess ammont mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------